***Worksheet* Ġ6.2.3**
Naraw liema huma l-pajjiżi li aħna l-Maltin nafu l-iktar bihom u nifhmu għaliex.

**Aqra, imbagħad wieġeb**.

Ta' kuljum fuq it-televixin jissemmew bosta pajjiżi barranin; min jissemma għal ħaġa u min jissemma għal ħaġ'oħra. Ċerti pajjiżi nkunu nafu bihom, oħrajn le. Żgur li l-biċċa l-kbira tal-Maltin huma familjari mal-pajjiżi li fil-passat laqgħu fihom bosta Maltin.




Il-Maltin emigraw lejn bosta pajjiżi biex ifittxu x-xogħol u futur aħjar, imma l-iktar lejn il-pajjiżi li jidhru fil-mappa t'hawn fuq. L-ikbar numru marru l-Awstralja u llum il-komunitajiet Maltin fl-Awstralja huma kbar mhux ħażin. Bosta minn dawn il-Maltin Awstraljani sikwit għadhom jiġu jżuru lil qrabathom f'Malta u Għawdex. Bosta minn dawn il-Maltin u l-Għawdxin, avolja ilhom snin twal l-Awstralja, għadhom jitkellmu bil-Malti, però ftit huma t-tfal tagħhom li llum jitkellmu jew jiktbu l-lingwa tagħna.




Fl-aħbarijiet sikwit nisimgħu li daħal f'Malta xi grupp ta' immigranti illegali. Dawn normalment ikunu ġejjin mill-pajjiżi Afrikani fejn hemm ħafna nkwiet u gwerer bħall-Etijopja, l-Eritrea u s-Sudan. Ħafna minnhom ikollhom jgħaddu mill-Eġittu, mil-Libja jew mit-Tuneżija sabiex jaqbdu xi dgħajsa u b'riskju kbir għal ħajjithom forsi jirnexxilhom jidħlu fl-Ewropa. Biċċa minnhom isibu ruħhom f'diffikultajiet kbar u jispiċċaw refuġjati f'Malta. L-istejjer tagħhom huma stejjer ta' swied il-qalb. Malta tagħmel mill-aħjar biex tgħinhom imma r-riżorsi tagħna huma limitati ħafna.



Suġġett ieħor li sikwit jissemma fl-aħbarijiet huwa l-ammont ta' Maltin li jmorru jagħmlu xogħol volontarju fil-missjoni. Bosta saċerdoti, patrijiet, sorijiet u lajċi imorru f'bosta pajjiżi 'l bogħod minn Malta biex jgħinu lil dawk li huma ħafna inqas ixxurtjati minna. Huwa kkalkulat li b'kollox il-Maltin għamlu xogħol missjunarju f'iktar minn 70 pajjiż barrani.

Dun Ġwann Caruana, saċerdot Malti li għex għal bosta żmien fil-missjoni ġewwa l-Brażil, ħareġ ktieb bl-isem: "The Maltese Missionary Experience". Il-ktieb huwa dokumentarju dwar il-missjonijiet li

ħadu sehem fihom il-Maltin. Nistgħu ngħidu li l-Maltin wettqu ħidma missjunarja fil-ħames kontinenti ewlenin:

- Fl-Awstralja sar ħafna xogħol fost l-emigranti Maltin.
- Fl-Asja twaqqfu missjonijiet fl-Indja, il-Filippini u l-Pakistan.
- Fl-Ewropa stess sar xogħol f'mhux inqas minn 17-il pajjiż
- Fl-Amerika t'Isfel twaqqfu missjonijiet fil-Brażil u l-Perù.
- Fl-Afrika, il-Maltin taw sehemhom f'missjonijiet f'madwar 20 pajjiż Afrikan, fosthom il-Kenja, is-Sudan u l-Libja.

Fil-Mosta hemm monument iddedikat lill-missjunarji Maltin.

Bosta Maltin illum saru jżuru diversi pajjiżi barranin kemm bħala vaganza kif ukoll fuq xogħol. Il-Maltin jsiefru kemm bl-ajru kif ukoll bil-baħar. Postijiet popolari għas-safar mal-Maltin, żgur li huma l-Italja u r-Renju Unit. Dan l-aħħar saru popolari wkoll il-*cruises* fejn tista' tqatta' vaganza mill-isbaħ fuq xi vapur lussuż b'xi waqfiet f'xi pajjiżi jew gżejjer interessanti.




Hekk naraw li għalkemm ngħixu fuq gżira żgħira mdawra bil-baħar, il-kuntatti tagħna mal-kumplament tad-dinja mhumiex ftit.

**Agħmel sinjal taħt it-tajba jew imla l-vojt**.

1. Il-Maltin huma familjari ħafna mal-pajjiżi li fil-passat emigraw fihom eluf ta' Maltin biex (ifittxu x-xogħol, jilagħbu l-futbol, imorru jgħumu).

2. Il-pajjiż li laqa' fih l-ikbar numru ta' emigranti Maltin huwa (l-Istati Uniti tal-Amerika, l-Indja, l-Awstralja).

3. Ikteb l-ismijiet tat-tliet pajjiżi l-oħra li fihom emigraw bosta Maltin.
   (a) ____________________________________________
   (b) ____________________________________________
   (c) ____________________________________________

4. Meta l-emigranti Maltin jiġu Malta biex iżuru lil qrabathom, x'aktarx issib li huma jitkellmu bil-Malti tajjeb waqt li t-tfal tagħhom ftit li xejn ikunu jafu jitkellmu bil-Malti. Għaliex taħseb li jiġri hekk?

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

5. Bosta immigranti illegali li jispiċċaw jaslu Malta jkunu fi triqthom lejn (l-Ewropa, l-Asja, is-Sudan).

6. Agħti raġuni waħda għaliex dawn in-nies ikunu qegħdin jaħarbu minn pajjiżhom.

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

7. Mis-silta sib u ikteb żewġ pajjiżi Afrikani li minnhom ħafna drabi jkunu telqu l-immigranti illegali.

   (a) ____________________________________

   (b) ____________________________________

8. Mis-silta sib u ikteb żewġ pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq minn fejn l-immigranti illegali jkun jeħtiġilhom jgħaddu biex jaqbdu xi dgħajsa għall-Ewropa.

   (a) ____________________________________

   (b) ____________________________________

9. Matul iż-żmien il-missjunarji Maltin wettqu ħidma f'madwar (70, 100, 200) pajjiż barrani.

10. Fejn ħadmu l-iżjed il-missjunarji Maltin? Mis-silta sib u ikteb żewġ pajjiżi:

   (a) Asjatiċi - ________________________ u ________________________

   (b) tal-Amerika t'Isfel - ________________________ u ________________________

   (c) Afrikani - ________________________ u ________________________

11. F’liema raħal Malti nsibu monument iddedikat lill-missjunarji Maltin?

______________________________________________________________________

12. Liema żewġ mezzi ta’ trasport jużaw l-iktar il-Maltin biex isiefru għall-vaganzi tagħhom?

(a) ____________________________________________________________

(b) ____________________________________________________________

13. Fil-kuntatti li jkollna mal-pajjiżi barranin, niġu bżonn ħafna (l-ikel li nieklu, il-ħwejjeġ li nilbsu, il-lingwi li nitgħallmu).

14. Mis-silta sib u ikteb l-erba’ raġunijiet li jispjegaw għaliex ċerti pajjiżi huma magħrufin mal-Maltin iktar minn pajjiżi oħrajn.

(a) ____________________________________________________________

____________________________________________________________

(b) ____________________________________________________________

____________________________________________________________

(c) ____________________________________________________________

____________________________________________________________

(d) ____________________________________________________________

____________________________________________________________